**MINUTI** **IT-TMIEN LEĠISLATURA**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ĦAL QORMI**

**Laqgħa Numru 34**

Il-Kunsill Lokali ltaqa' nhar it-Tlieta, 5 ta' Ottubru 2021, fl-uffiċċju tal-Kunsill Lokali u permezz ta' *video conferencing*.

**PREŻENTI:**

Dr Josef Masini Vento –Sindku
Donnha Barbara – Viċi Sindku
Jerome Caruana Cilia - Kunsillier
Ralph Puli – Kunsillier
Carmelo Cuschieri – Kunsillier
Marvin Zammit – Kunsillier
Dr Sean Apap Meli – Kunsillier
Abigail Sammut – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 17A (3):**

George Muscat – Kunsillier
Martina Grech – Kunsillier
Daniel Ablett – Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ppresieda l-laqgħa.

**Minuti**

**34.1 Approvazzjoni ta' Minuti Nru 33**

**Is- Sindku Dr Josef Masini Vento** ppreżenta l-Minuti ta' Seduta 33, li kienu ċċirkulati lill-membri permezz ta' korrispondenza elettronika, għall-approvazzjoni.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ssekonda.

Il-Minuti għal Seduta Nru 33 ġew approvati b'mod unanimu.

**34.2 Skeda ta' Ħlasijiet**

**Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-iSkeda ta' Ħlasijiet għax-xahar ta' Settembru 2021.

**Il-Kunsillier Dr Sean Apap Meli** ppropona l-approvazzjoni tal-ħlasijiet.

**Il-Kunsillier Marvin Zammit** issekondat**.**

**Il-Kunsill approva b'mod unanimu l-iskeda ta' Ħlasijiet**

**34.3 Mozzjonijiet**

**34.3.1 Mozzjoni Nru 88 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli**

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 15,000 sabiex jiġu organizzati attivitajiet tal-Milied 2021 immirati għall-familji kollha Qriema.

- Tiżjin ta' dawl dekorattiv fit-toroq tal-lokalita'
- Tiżjin ta' pjazez u ġonna b'tagħmir dekorattiv relatat mal-Milied
- Kompetizzjoni għall-isbaħ Presepju
- Kompetizzjoni għall-isbaħ tieqa/faċċata mżejna
- Santa Clause is Coming to Town
- Naħseb Fik, fejn se jingħata rigal żgħir lill-anzjani qriema li għandna fid-Djar għall-Anzjani f'Ħal Qormi.
- Ittra lil Santa Klaws u Stampar ta' ktejjeb għat-tfal

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni u ppropona li l-budget allokat jitla' għal € 20,000.

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento ppropona li l-għaqdiet li kull sena jagħtu s-servizz għat-

tiżjin ta' toroq, din is-sena jintalbu jżidu t-tiżjin fit-toroq b'budget ta' € 3,200 bejniethom.

**Is-Segretarju Eżekuttiv** pproponiet li l-Kunsill japplika għall-Espressjoni ta' Nteress maħruġa mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali.

**Ivvutaw Favur tminn Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

### 34.3.2 Mozzjoni Nru 89 imressqa mill-Kunsillier Dr Sean Apap Meli

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 5,000 sabiex jiġi organizzat il-Premju I.N.T. (Irrid Nikber fit-Tjubija) 2021.

Din l-attivita' mistennija tinvolvi video ta' ntervisti mar-rebbieħa passati u serata żgħira sabiex tonora lil dawk it-tfal li jkunu wettqu att ta' tjubija fil-komunita'

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** ssekonda l-mozzjoni.

**Ivvutaw Favur tminn Kunsilliera (8) preżenti. Ħadd (0) ma vvota kontra u ma kien hemm l-ebda Astensjoni**.

**Il-mozzjoni ġiet approvata.**

### 34.3.3 Mozzjoni Nru 90 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Nipproponi li l-Kunsill japprova s-somma ta' € 500 sabiex titfakkar il-festa ta' San Martin, billi jitqassmu boroż ta' San Martin lit-tfal li jattendu l-Quddies tad-9.00a.m. u d-9.30a.m., rispettivament, fiż-żewġ parroċċi ta' Ħal Qormi.

### 34.3.4 Mozzjoni Nru 91 imressqa mis-Sindku Dr Josef Masini Vento

Is-Sindku Dr Josef Masini Vento talab li din il-mozzjoni tiġi rtirata.

### 34.5 Komunikazzjoni mis-Sindku

### 34.5.1 Pjazza San Bastjan

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li l-perit tal-Kunsill kien ppropona li l-pjazza ssir bl-indents, iżda jidher li dan il-proġett qatt ma ntuża f'pajjiżna, għaldaqstant il-Kunsill m'għandu jieħu aktar riskji u m'għandux jibqa' jesperimenta fuq din il-pjazza, għaliex hemm is-saħħa u s-sigurta' taċ-ċittadini qriema.

**Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li ngħata l-parir li jsiru circular street humps u ma nkunx hemm il-ħtieġa li jitkisser il-konkos tal-pjazza. Is-Sindku nfurma wkoll li qed jistenna risposta mingħand il-periti dwar dan il-materjal.

**34.5.2** **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** fakkar lill-membri li s-Sibt se tinżamm l-elezzjoni għall-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni għall-Kunsilli Lokali.

**34.5.3** **Is-Segretarju Eżekuttiv** ippreżentat talba għall-permess sabiex isir resurfacing fi Triq Ġuże Duca. Il-Kunsill approva li tinħareġ No Objection għal dawn ix-xogħolijiet.

**34.5.4** **Is-Segretarju Eżekuttiv** poġġiet fuq il-mejda l-istima għal xogħlijiet ta' estensjoni taċ-ċint fi Triq il-Wied, liema stima tammonta għal €15,454.18. Il-Kunsill approva din l-ispiża.

**34.5.5** **Il-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li għall-applikazzjoni ta' għalliem, il-Kunsill irċieva applikazzjoni waħda biss.

34.5.6 **Is-Sindku Dr Josef Masini Vento** nfurma li għandna artist minn Ħal Qormi li qed joffri s-servizz tiegħu sabiex jagħti lezzjonijiet ta' Arti lit-tfal. L-istima hi ta' madwar € 1000. Kull student iħallas € 30 u l-Kunsill iħallas € 70 għal kull student. Il-klassi jkun fiha mhux aktar minn 10 studenti.

Il-Kunsill approva b'mod unanimu.

34.6 Ħwejjeġ Oħra

34.6.1 Il-Kunsillier Jerome Caruana Cilia nfurma li kellu bosta lmenti mingħand ir-residenti ta' Triq il-Bard u Triq id-Dielja, li bix-xita li għamlet spiċċaw

1. **Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa intemmet fit-8.00p.m. u ġiet aġġornata għat-**Tlieta, 5 ta' Ottubru 2021.**

Konfermati, illum 2 ta' Novembru 2021

| | |
|---|---|
| **Iffirmat** | **Iffirmat** |
| Josef Masini Vento (Dr) | Karen Camilleri |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |